



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 152/22

Il-Lussemburgu, 15 ta' Settembru 2022

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Tibdil parzjali u dħul fil-kariga ta' tliet Membri ġodda tal-Qorti Ġenerali

E. Tichy-Fisslberger, G. Valasidis u S. Verschuur, Imħallfin ġodda tal-Qorti Ġenerali

Permezz ta' deċiżjonijiet tal-21 ta' Diċembru 2021, tas-27 ta' April 2022, tad-29 ta' Ġunju 2022 u tal-20 ta' Lulju 2022, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ġedde, għall-perijodu bejn l-1 ta' Settembru 2022 u l-31 ta' Awwissu 2028, il-mandat ta' wieħed u għoxrin Imħallf tal-Qorti Ġenerali, jiġifieri ta' Lauri Madise, Iko Nömm, Anna Marcoulli, Savvas S. Papasavvas, Tuula Pynnä, Heikki Kanninen, Maria José Costeira, Ricardo Da Silva Passos, Geert De Baere, Sten Frimodt Nielsen, Krisztián Kecsmár, Paul Nihoul, Jesper Svenningsen, Marc Van Der Woude, Ion Gâlea, Marc Jaeger, Dean Spielmann, Mirela Stancu, Ioannis Dimitrakopoulos, Gerhard Hesse u Tihamér Tóth.

Permezz ta' deċiżjonijiet tas-27 ta' April 2022, tad-29 ta' Ġunju 2022 u tal-20 ta' Lulju 2022, inħatru bħala Mħallfin tal-Qorti Ġenerali, għall-perijodu bejn l-1 ta' Settembru 2022 u l-31 ta' Awwissu 2028, Elisabeth Tichy-Fisslberger, li ħadet post Viktor Kreuschitz, Goulielmos (William) Valasidis, li ħa post Constantinos Iliopoulos, u Steven Verschuur, li ħa post René Barents.

Fl-okkażjoni, minn naħa, tat-tmiem tal-kariga u tat-tluq ta' Viktor Kreuschitz, Constantinos Iliopoulos, u René Barents, u, min-naħa l-oħra, tat-teħid ta' ġurament u tad-dħul fil-kariga tal-Membri l-ġodda tal-istituzzjoni, illum ser tinżamm udjenza solenni fis-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

L-udjenza solenni ser tiġi trażmessa b'mod dirett fis-18:00 fuq is-sit aċċessibbli fuq din il-link:

<http://c.connectedviews.com/01/LiveMeetings/cdj>

Preżentazzjoni tal-Membri l-ġodda

Elisabeth Tichy-Fisslberger

Imwiela fl-1957 fi Vjenna (l-Awstrija), Elisabeth Tichy-Fisslberger kisbet, fl-1980, diploma fid-dritt li hija kkompletat bi studji fid-dritt internazzjonali fl-Université catholique de Louvain (l-Università Kattolika ta' Louvain, il-Belġju) fl-1981.

E. Tichy-Fisslberger bdiet il-karriera professjonali tagħha fil-Kummissjoni Ewropea fl-1982, bħala interpretu tal-konferenzi, funzjoni li hija eżerċitat sal-1988. Fl-istess ħin, hija kompliet l-istudji lingwistiċi tagħha fl-Universität Wien (l-Università ta' Vjenna, l-Awstrija) u kisbet diploma ta' studji lingwistiċi fl-1984.

Fl-1988, hija nqasqas mad-dipartimenti tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Awstrijak fid-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ewropej u Ekonomiċi, bħala konsulenta, u eżerċitat dawn il-funzjonijiet sal-1993.

Fl-1990, hija kienet ikkollokata mal-Ambaxxata tal-Awstrija f'Dublin. Minn nofs l-1991 sa nofs l-1992, hija kienet assistenta direttori għall-politika tat-trasport tal-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Awstrijak fi Vjenna. Sussegwentement, hija kienet ikkollokata mal-Ambaxxata tal-Awstrija f'Londra.

Mill-1993 sal-2000, hija kienet Ministru-Kunsilliera mar-Rappreżentanza Permanenti tal-Awstrija fl-Unjoni Ewropea fi Brussell.

Lura mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Awstrijak, E. Tichy-Fisslberger ssejthet tiżgura l-funzjonijiet ta' diretttriċi għall-affarijiet ġenerali tal-Unjoni Ewropea u tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea bejn l-2000 u l-2003. Sussegwentement, hija nħatret assistenta diretttriċi ġenerali għall-affarijiet Ewropej u ekonomiċi u, mill-2007, diretttriċi ġenerali għall-affarijiet ġuridiċi u konsulari. Barra minn hekk, hija żgurat wkoll il-funzjonijiet ta' koordinatriċi nazzjonali fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni bejn l-2009 u l-2017.

Minn Diċembru 2017, hija kienet Ambaxxatriċi tar-Rappreżentanza Permanenti tal-Awstrija fi ħdan l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra f'Genève. Fl-2020, hija ġiet eletta Presidenta tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti u, fl-2021, Presidenta tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti.

Fl-istess ħin, ma' dawn l-attivitajiet, E. Tichy-Fisslberger tgħallem id-dritt fi ħdan id-Diplomatische Akademie Wien (l-Akkademja diplomatika ta' Vjenna, l-Awstrija) mill-2002. Bejn l-2006 u l-2017, hija għallmet ukoll id-dritt fi ħdan l-Universität Wien (l-Università ta' Vjenna).

E. Tichy-Fisslberger inħatret Imħallef fil-Qorti Ġenerali fil-15 ta' Settembru 2022.

Goulielmos (William) Valasidis

Imwieled fl-1971 f'Thessaloniki (il-Greċja), Goulielmos Valasidis kiseb, fl-1993, diploma fid-dritt mill-Aristoteleio Panepistimio Thessalonikis (l-Università Aristotile ta' Thessaloniki, il-Greċja) u kkompleta l-istudji tiegħu permezz ta' master fid-dritt mogħti mill-Harvard Law School (il-Fakultà tal-Liġi ta' Harvard, l-Istati Uniti) fl-1996.

Mill-1993 sal-1995, huwa kien avukat stagiaire fil-kuntest tal-eżamijiet ta' aċċess għall-professjoni ta' avukat. Wara li ġie ammess mal-kamra tal-avukati ta' Thessaloniki fl-1996, G. Valasidis eżerċita fi ħdan uffiċċji tal-avukati fil-Messiku u fl-Istati Uniti.

Kien fl-1998 li huwa daħal fis-servizz tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għall-ewwel darba, bħala référendaire fi ħdan l-uffiċċju tal-Imħallef Krateros Ioannou. Sussegwentement huwa eżerċita dawn il-funzjonijiet mal-Imħallef Vassilios Skouris, li sar il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2003 u li miegħu kkollabora għal ħmistax-il sena, mill-1999 sal-2014.

Fl-2014, huwa nħatar Direttur tal-Protokoll u tal-Informazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, u sussegwentement Direttur tal-Komunikazzjoni, funzjonijiet li huwa eżerċita sal-2022.

Bħala awtur ta' pubblikazzjonijiet legali u ta' xogħlijiet editorjali, huwa ta wkoll importanza kbira lit-tagħlim tal-prattika tad-dritt tal-Unjoni billi pparteċipa b'mod attiv fl-organizzazzjoni u fl-iżvolġiment tal-European Law Moot Court Competition, bħala membru tal-Bord tal-Għażla mill-2004 sal-2005, u sussegwentement bħala membru u viċi president tal-European Law Moot Court Society mill-2006 sal-2022. Barra minn hekk, huwa pparteċipa regolarment f'konferenzi nazzjonali u internazzjonali.

G. Valasidis inħatar Imħallef fil-Qorti Ġenerali fil-15 ta' Settembru 2022.

Steven Verschuur

Imwieled fl-1977 f'Arnhem (il-Pajjiżi l-Baxxi), Steven Verschuur studja l-liġi fl-Universiteit Utrecht (l-Università ta' Utrecht, il-Pajjiżi l-Baxxi) u kiseb master fid-dritt hemmhekk fl-2001. Huwa kompli l-edukazzjoni universitarja tiegħu fl-université de Liège (l-Università ta' Liège, il-Belġju), li tagħtu diploma ta' studji approfonditi fid-dritt Ewropew

fl-2002. Huwa ddefenda t-teżi tad-dottorat fid-dritt tiegħu fl-2010 fl-Universiteit Utrecht (l-Università ta' Utrecht).

Mill-2002, S. Verschuur kellu karriera bħala avukat ma' diversi uffiċċji tal-avukati fil-Pajjiżi l-Baxxi u l-Belġju f'diversi oqsma tad-dritt tal-Unjoni, bħall-kompetizzjoni, l-għajnuna mill-Istat, il-politika kummerċjali, il-kuntratti pubbliċi kif ukoll il-miżuri restrittivi adottati fil-kuntest tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-Unjoni.

Huwa ddedika ruħu wkoll għall-kitba ta' numru kbir ta' artikli dwar dawn l-oqsma intiżi għal rivisti u xogħlijiet ġuridiċi.

Fl-istess ħin, huwa kien imħallf supplenti fis-sezzjoni tad-dritt ċivili tar-rechtbank Zeeland-West-Brabant (il-Qorti ta' Zeeland-West-Brabant, il-Pajjiżi l-Baxxi) mill-2021 sal-2022.

S. Verschuur inġatar Imħallf fil-Qorti Ġenerali fil-15 ta' Settembru 2022.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ibqgħu konnessi!

